

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 170/2007****tas-7 ta' Diċembru 2007****li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI tal-Ftehim ġie emendat permezz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 <sup>(1)</sup>
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 833/2007 tas-16 ta' Lulju 2007 li jtemm il-perjodu tranzi-torju stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat f'dan il-Ftehim
- (3) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Iżlanda

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej se jiddaħħal wara l-punt 7fa (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2004) ta' l-Anness XXI tal-Ftehim

"7fb **32007 R 0833**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 833/2007 tas-16 ta' Lulju 2007 Li jtemm il-perjodu tranzi-torju stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 185, 17.7.2007, p. 9).

Għall-iskopijiet tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament se jinqraw b'din l-emenda li ġejja:

Dan ir-Regolament ma japplikax għall-Iżlanda."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (KE) Nru 833/2007 fil-lingwa Norveġiża li se jiġi pubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, se jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Arti-kolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE <sup>(\*)</sup>.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

<sup>(1)</sup> ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 185, 17.7.2007, p. 9

<sup>(\*)</sup> L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali huma indikati